MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru 187/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Brian Muscat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Brian Muscat ta’ 37 sena, iben Bartolomeo u Filomena nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta’, nhar is-6 t’ April 1971 u residenti nru. 32, Shaday, Triq Dun Alvaro di Sante, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 177771(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-lejl bejn it-12 u t-13 ta’ Frar, 2009, mill-fond ACheck Garage fi Triq Tas-Sriedak, Mosta ikkommetta serq ta’

*safe,* li kien fih flus kontanti u dokumenti, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (E2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' ACheck Ltd. u/jew ta' persuni u/jew entitajiet ohra.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erba' u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (E1164.69), izda izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (E116.47), ai terminu ta' l-Artiklu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-detriment tas-socjeta ACheck Ltd. u/jew ta' persuni u/jew ta' entitajiet ohra ;

Rrenda ruhu recediv ai termini ta' Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li saret definittiva w li ma tistax tinbidel.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat, l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll il-fatt li fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2009 il-parti civili ikkonferma li l-imputat hallas lura parti sostanzjali mill-ammont misruq u

mid-danni minnu kagunati u li ghad jonqos jithallas biss is-somma ta’ hamest elef ewro (€5,000) mill-ammont ta’ sittax-il elf ewro (€16,000) dovut.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 325(1)(b), 278, 279 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal prigunerija ta’ tmintax (18) il-xahar sospizi ghal perijodu ta’ sentejn (2) millum.

Tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil ACheck Limited is-somma ta’ hamest elef ewro (€5,000).

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa zmien tlett(3) xhur minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ sitt mija u sitt Ewro u hamsa u ghoxrin Ewro centezmu (€606.25) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------